# Qorti Kriminali

Onor. Imhallef  Giovanni M. Grixti, LL.M., LL.D.

**Att tal-Akkuza Nru. 1/2021**

**Ir-Repubbblika Ta' Malta**

**Vs**

**Hassan Jama Hassan**

**Omissis**

Illum,  16 ta' Dicembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Hassan Jama Hassan detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 165735A, u *omissis*, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fid-9 ta' Settembru, 2021 ghall-habta ta' bejn l-erbgha ta' filghodu u l-erbgha u nofs ta' filghodu, fi Triq Paceville, San Giljan u fi bnadi ohra f' San Giljan, Malta

1. Ikkommettew serq ta' oggetti minn fuq il- persuna ta' Ricardo Jr. Macalalay u minn fuq il-persuna ta' Jozef Drga, liema serq huwa kwalfikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

U kontra Hassan Jama Hassan wahdu talli:

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Jozef Drga liema hsara hija ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Francesca Spiteri detentur ta' numru tar-registru mediku 4004 tal-isptar Mater Dei;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Josef Drga kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjgu;
4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha;
5. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi u l-granet u x-xhur ta' qabel din id-data f'diversi nhawi madwar il-gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti

fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LL.D., fid-digriet moghti nhar il-5 ta' Mejju, 2021, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija.

U lil *Omissis* wahdu :

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ricardo Jr. Macalalay kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u / jew biex ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjgu;
7. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id- dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il – Kummissarju tal-Puilzija;
8. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Hassan Jama Hassan u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess, u dan ai termini tal-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex id-depozitu u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jkun konfiskat fl-intier tieghu jew f' parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il- gravita' tar-reat.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill- akkuzat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tal-10 ta' Settembru, 2021 sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provediment tal-Ordinanza Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tal-10 ta' Settembru, 2021 registrat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja li bih l-akkuzat allura imputat Hassan Jama Hassan ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu wara li kien imwissi mill-Qorti bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u ghalhekk kien ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju;

Rat illi fl-istess udjenza l-akkuzat allura imputat irtira l-ammissjoni tieghu;

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2021 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja l-akkuzat rregistra ammissjoni u wara li kien spjegat lilu bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u wara li inghata zmien biex jerga lura minn dik id-dikjarazzjoni, kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kif registrata fil-verbal tal-4 ta' Ottubru, 2021 li bih ai termini tal-artikolu 392B (1) tal-Kodici Kriminali, wara l-ammissjoni ordat li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali u li r-Registratur ta' din il-Qorti jkun notifikat b'din l-ammissjoni;

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Novembru, 2021 li biha ddikjarat li ai termini tal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra ammissjoni, ghandhom jitqiesu bhala **Att ta' Akkuza** ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Semghet lill-abbli difensur tal-akkuzat fis-sottomissjonijiet orali tieghu dwar il-piena u semghet ukoll lill-abbli avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali ukoll dwar il-piena li ghandha tkun kominata minn din il-Qort;i

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni nkondizzjonata registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Settembru, 2021 u konfermata fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2021 u wara li hi konvinta li din hija ammissjoni volontarja u xjenti, tiddikjara lil **Hassan Jama Hassan** hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu talli:

Fid-9 ta' Settembru, 2021 ghall-habta ta' bejn l –erbgha ta' filghodu u l-erbgha u nofs ta' filghodu, fi Triq Paceville, San Giljan u fi bnadi ohra f' San Giljan, Malta

1. Ikkommetta serq ta' oggetti minn fuq il- persuna ta' Ricardo Jr. Macalalay u minn fuq il-persuna ta' Jozef Drga, liema serq huwa kwalfikat bil- vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Jozef Drga liema hsara hija ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Francesca Spiteri detentur ta' numru tar-registru mediku 4004 tal-isptar Mater Dei;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtrorita' kompetenti, u bara mill- kazijiet li fihom il-ligi taghti s- setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Josef Drga kontra l-volonta' tieghu u dan bil- hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjgu;

4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha;

5. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi u l-granet u x-xhur ta' qabel din id-data f'diversi nhawi madwar il-gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LL.D., fid-digriet moghti nhar il-5 ta' Mejju, 2021, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija.

Wara li rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat liema fedina hija wahda nadifa;

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri senjatament fl-ewwel udjenza meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja. Inoltre, il-fedina penali tieghu kemm ilu jghix Malta mill-2013 (mill-liema zmien kien halla Malta u mar diversi pajjizi u gie lura fis-sena 2020) hija wahda minghajr tebgha. Dan, izda, ghalkemm qed ikun mehud in konsiderazzjoni mill-Qorti fil-kalibrar tal-piena, ma jistax ma jkunx osservat illi minkejja li din hija l-ewwel darba li l-akkuzat qed jinstab hati minn Qrati ta' kompetenza kriminali, xellef difrejh bil- kbir meta kkometta wiehed mill-aktar delitti serji ta' serq akkumpanjat bis-sekwestru u offizi fuq il-persuna u f'dan il-kaz fuq zewg persuni. Ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm l-akkuzat jghid li l-oggetti misruqa kienu ritornati lid-derubati dan sar mhux b'mod volontarju izda ghaliex kien intercettat mill-Pulizija wara tfittxija li saret ghalih. Hi ghalhekk tal-fehma illi fic-cirkostanzi ghandha tinghata piena li tippriva lill-hati mill-liberta' personali. Tqis illi l-piena tat-tieni u t-tielet akkuza huma assorbiti fl-ewwel akkuza. Tqis ukoll illi l-ksur tad-disposizzjoni tar-reat ipotizzat fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali kien jikkonsisti filli l-akkuzat naqas milli jiffirma l-*bail book* li ghalkemm huwa haga serja mhix ta' konsegwenza kbira fic-cirkostanzi;

Ghalhekk wara li rat l-artikoli 17(b), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(c), 275, 277(a), 279(a), 281(1), 221, 87(1)(c)(e) u 579 tal-Kodici Kriminali u 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta u GN 292/1939 tikkundanna lill-akkuzat

**Hassan Jama Hassan** ghall-piena ta' prigunerija ghall-erba' (4) snin kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' €470.00;

Inoltre, tordna l-konfiska u distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dok LZ7 u dan taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qrati li ghandha tikkonferma tali distruzzjoni permezz ta' nota;

Inoltre, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ricardo Jr. Macalalay u Jozef Drga tordna l-hrug ta' ordni ta protezzjoni kontra l-akkuzat fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u dan ghal zmien hames (5) snin mid-data li fiha jkun skarcerat;

Kwantu t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-akkuzat jkun ordnat ihallas l-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-uniku espert kienet hekk mahtura sabiex taghmel traskrizzjoni tar-registrazzjoni tal-interrogatorju tal-akkuzat u l-Qorti tqis li ma ghandux jkun tenut ihallas ta' dan;

Tichad it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex ikunu konfiskati l-ammonti mqeghda bhala garanzija ghall-helsien mill-arrest tieghu izda tilqa' t-talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest li altrimenti kien jibbenefika minnu wara li jinheles mill-inkarcerazzjoni mposta b'din is-sentenza;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghmel dak kollu li jidhirlu xieraq

sabiex jippresta ghajnuna lill-hati ghall-problemi ta' xorb u droga.